MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 239/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mario Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Carmel Pace [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 291170 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, fix-xahar ta' Gunju 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Karen Sant u/jew lil uliedhom is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Mejju, 2013, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn prigunerija.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Mejju 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt li ghandha tikkonfermaha in kwantu sabet lill-esponent hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, mill-banda l-ohra ghandha thassar l-istess in kwantu kkundannatu ghal piena ta' detenzjoni ta' gimghatejn u minflok timponi piena ohra aktar adattata ghal kaz in disamina skond kif ikun jidhrilha xieraq u opportun din l-istess Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi ghalkemm huwa minnu li ma kienx hallas tax-xahar ta' Gunju 2012 u di fatti huwa mhux qieghed jappella mis-sejba ta' htija izda fl-istess hin qed jigi rilevat li, tenut kont tal-fatt li huwa qed jghaddi lil martu l-uniku introjtu li huwa jircievi fl-intier u cioe` c-cheques tar-relief mahrugin mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, dan wahdu huwa indikattiv tar-rieda tajba tal-esponent li jonora l-obbligi tieghu u li meta jonqos minn tali obbligu dan ikun gej mill-fatt li tassew ma jkollux minn fejn ihallas u mhux b'xi sens ta pika jew ksuhat.

Illi in vista tal-premess ghalhekk jigi sottomess li l-piena ta' detenzjoni tassew ma tistax titqies bhala li kienet adattata ghal kaz in ezami u dana oltre ghall-fatt li tista` tkun kontro-producenti ghal min ikun qed jistenna li jircievi l-alimenti.

Rat li fis-seduta ta' llum mart l-appellant xehdet bil-gurament li hija rceviet il-manteniment kollu ghax-xahar ta' Gunju, 2012.

Ghalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza moghtija fl-20 ta' Mejju, 2013 billi waqt li tikkonfermaha fejn sabitu hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih qed thassaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu gimaghtejn detenzjoni u minflok qed tikkundannah ihallas ammenda ta' €50.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------